VALLETTA
*Città Umilissima*

# KUNSILL LOKALI
# L-BELT VALLETTA

# RAPPORT AMMINISTRATTIV
# 2019

**Introduzzjoni**

Għaddiet sena oħra ta' ħidma, fejn il-ħidma tagħna ma waqfet xejn, u minkejja in-nuqqas ta' fondi, u tibdil fil-kunsill, il-Kunsill għadu u se jkompli miexi l-quddiem bi proġetti ta' tisbieħ u ambjentali kif ukoll programmi edukattivi u kulturali.

Matul din is-sena, il-membri tal-Kunsill Lokali nbidlu darbtejn:

f'Jannar, wara li l-ex Sindku, Prof Alexiei Dingli irriżenja f'Diċembru u minfloku laħaq Sindku is-Sur Christian Micallef u laħaq kunsillier is-sur Mark Spiteri Lucas, u

f'Lulju, wara li ġew eletti kunsill ġdid fl-elezzjoni li saret fil-25 ta' Mejju 2019. Is-Sur Alfred Zammit ġie elett bħala sindku, is-sur Christian Micallef ġie elett bħala Minority Leader, is-sinjuri Raymond Azzopardi, Jurgen Briffa u Lian Pace ġew eletti bħala kunsilliera fi ħdan il-Partit Laburista u is-sinjuri Vincent Fabri u Mark Spiteri Lucas ġew eletti bħala kunsilliera fi ħdan il-Partit Nazzjonalista.

Minkejja dan it-tibdil, il-kunsilll jibqa' jaħdem fuq diversi oqsma sabiex itejjeb il-ħajja tal-Belt Valletta. Is-suġġerimenti u l-ilmenti ħuma importanti għalina għax jgħinnuna ngħarrfu fuq liem aspetti tal-Belt Valletta hemm bżonn niffukaw.

**Attendenza**

Leġislazzjoni 7 – Minn Jannar 2019 sa Ġunju 2019

| Isem | Attenda | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| Christian Micallef | 6 | 0 | 0 |
| Norman Shaw | 3 | 3 | 0 |
| Vince Fabri | 6 | 0 | 0 |
| Vince Farrugia | 5 | 1 | 0 |
| Mark Spiteri Lucas | 6 | 0 | 0 |
| Raymond Azzopardi | 6 | 0 | 0 |
| Mario Camenzuli | 4 | 2 | 0 |

Leġislazzjoni 8 – Minn Lulju 2019 sa Diċembru 2019

| Isem | Attenda | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| Alfred Zammit | 7 | 0 | 0 |
| Christian Micallef | 7 | 0 | 0 |
| Raymond Azzopardi | 6 | 1 | 0 |
| Jurgen Briffa | 6 | 1 | 0 |
| Lian Pace | 7 | 0 | 0 |
| Vince Fabri | 7 | 0 | 0 |
| Mark Spiteri Lucas | 7 | 0 | 0 |

**Proġetti Infrastrutturali**

Il-Proġetti tal-Kunsill li tkomplew wara li inbidel il-kunsill kienu: il-Proġett ta' Soup Kitchen, Restoration of external and internal facades together with minor alterations to 196, St. Ursola Street, Restoration and Maintenance to concrete pavements in Valletta (phases 1, 2, and 3), il-Proġett tal-parking f' Ex-Yellow Garage, u il-Proġetti tal-EU, Destinations u i-Access.

Reġgħet infetfet l-iskema tal-Housing li għaliha il-kunsill ippreżenta tlitt blokok ta' appartamenti.

Wara ħafna diskussjonijiet ma diversi Ministri u Entitajiet, ġie deċiż li il-bankini isiru b'materjal ta' żonqor u lava minflok concrete. Ix-xogħol inbeda fit-tieni nofs tas-sena 2019.

Sar xogħol ta' resurfacing fi Triq Żekka u fit-triq ta' l-iskola primarja, minn GHRC u Infrastructure Malta rispettivament.

Tkomplew ix-xogħolijiet fuq il-Valletta Clinic, li hija estenzjoni tal-bini tal-Kunsill Lokali. Sar launch mill-Hon Chris Fearne, Owen Bonnici u Deo Debattista.

Saru id-disinji u stimi biex jinbeda il-proġett tal-Belveder ta' taħT il-Qampiena. Ġie deċiż wara laqgħa mal-Periti u Heritage Malta li dan il-proġett jinbeda wara li titranġa il-qampiena.

Il-Planning Authority approva il-proġett tal-bandli ta' ħdejn il-War Museum. Il-kunsill qiegħed f'diskussjonijiet ma GHRC biex jara meta jista jinbeda dan il-proġett.

**Indafa fil-Belt tagħna**

Il-Kunsill qassam bins tar-riċiklaġġ u bins tal-organic lir-residenti kollha bl-għajnuna ta' Wasteserv. Saru laqgħat ma' l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsill Lokali fuq il-ġbir ta' l-iskart. Ġew imneħħija il-bring-in sites għaliex dawn kienu qedgħin iżidu il-ħmieġ fil-madwar. Tnaddfu il-culverts kollha tal-Belt Valletta biex b'hekk l-ilma ikun jista' jibqa nieżel meta tagħmel ix-xita u ma jegħrqux it-toroq. Ir-Reġjun Xlokk ħallas għall-installazzjoni ta' xi bins tas-sigaretti. Wara taħdidiet mal-Hon Dr. Deo Debattista, ġie deċiż li il-knis jieħdu taħT ir-responsabbilita tiegħu minħabba diversi nuqqasijiet.

**Edukazzjoni**

Ġie imġedded il-fthehim li sar ma TCTC fis-sena 2018, biex jintuża il-Computer lab għal korsijiet organiżżati mill-istess TCTC. Dawn il-korsijiet li bdew f'Jannar ta' 2020 huma bla ħlas għar-residenti tal-Belt Valletta.

Sar ukoll taħriġ għal l-impjegati tal-*front office* sabiex jitjieb l-istandard. Dan il-*course* sar min TCTC.

Impjegati tal-front office attendew korsijiet organiżżati mill-Planning Authority, mill-ERA, u mill-Local Councils Associations / Department for Local Government.

**Safar**

Il-gita Sqallija saret fid-9 ta' April 2019. Minħabba li saret daqshekk kmieni kien hemm inqas nies li attendew meta ikkumparat ma snin oħra. Saret laqgħa ġewwa Graz fuq il-proġett Destinations u laqgħa ġewwa l-Italja fuq il-proġett tal-i-Access li għalihom attendew Leonora Celeste bħala EU affairs u Lian Pace bħala kunsillier. Is-sindku, Alfred Zammit u il-Kunsillier Jurgen Briffa kellhom żjara għand is-sindku ta' Fjumicino f'Ruma u għand is-sindku ta' Palermo rispettivament.

***Tenders***

Matul is-sena 2019 inħargu numru ta' tenders, kemm għal xogħolijiet strutturali u kif ukoll għal-servizzi.

- Inħareġ tender biex jinxtara van second hand bl-emissjonijiet baxxi biex intuża mill-ħaddiema tal-maintenance.
- Inħarġu tlitt tenders relatati ma xogħolijiet fuq Soup Kitchen li ser tiftaħ fil-futur fil-Belt Valletta, fosthom:
- tender għal xogħol ta' restawr,
- tender għal fire and safety,
- tender għal-sistemi ta' ħeating, ventilation u air conditioning
- u tender għal mechanical and electrical works.
- Inħareġ tender ta' Accessibility Study fil-Belt Valletta li huwa relatat mal-proġett ta' l-i-Access u kif ukoll reġa' inħareġ it-tender għal-installazzjoni, testing u manteniment ta' Smart Parking Meters relatat mal-proġett Destinations.
- Inħarġu ukoll tender għal servizz ta' accountant u tender għal servizz ta' driver.

Ġie deċiż biex fis-sena 2020 jinħarġu numru ta' tenders fosthom tender għas-servizz legali u tender għas-servizz ta' Bulky Refuse b'vetturi b'emissjonijet baxxi. Hemm ukoll pjanat biex jinħarġu numru ta' tenders relatati mal-proġetti ta' l-I-Access u Destinations.

***Bye Laws***

F'laqgha tal-Kunsill nru 75 ta' Leġislazzjoni 7, Is-Sindku Chistian Micallef nforma kien qed jerġa jinforma l-Kunsill dwar kambjamenti li kienu qed isiru fuq l-Bye-Law dwar Xatt u Iskall ta' Marsamxett. Dawn it-tibdiliet ġew approvati mill-membri tal-kunsill u ippublikati fil-gażżetta tal-gvern.

Il-kunsill prepara bye-law dwar l-attivitajiet li isiru fil-Belt. Wara li din reġgħet ġiet ippreżentata fil-kunsill, intbagħet lid-DLG għal-approvazzjoni, u ġiet ippublikata fil-gażżetta tal-gvern.

**Attivitajiet**

Matul is-sena 2019, saru diversi attivitajiet li ġew organiżżati mill-Kunsill Lokali jew bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali. Bdew jiġu organiżżati riċevimenti li bihom jinfetħu l-attivitajiet tal-festi, fejn

ikunu mistiedna ir-residenti li huma parti minn dik il-parroċċa, il-kunsilliera u nies distinti oħra. Ġew organiżżati ukoll numru ta' riċevimenti oħra matul is-sena, fosthom ta' Valletta FC, Breakwater Bar tal-Billiard u oħrajn.

Fit-28 ta' Marżu, 2019, ġiet iċċelebrata il-450 sena mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla fil-Belt Valletta u għalhekk ġew organiżżati iktar minn riċeviment wieħed biex infakkru dan, fosthom reciviment u ħarġa għal-anzjani, reċiviment għal għaqdiet sportivi Beltin u reċiviment għal żgħażagħ li gradwaw mill-Universita' fl-aħħar sena. Il premju Ġieħ il-Belt ingħata lil Tony Drago.

Komplew isiru il-laqgħat ta' Poeżija Plus fl-aħħar Ġimgħa tax-xahar. Dawn il-laqgħaq huma organiżżati mill-Kunsillier Vince Fabri u għaliħom jattendu kemm nies residenti u kemm nies li mhumiex.

Il-Kunsill kompla jagħti spazju fejn membri tas-Subboteo jistgħu jipprattikaw l-isport tat-table football kull nhar ta' Sibt.

Minn Lulju 2019, il-kunsilliera ġew mogħtija id-dekasteri tagħhom. Saru diversi laqgħat u attivitajiet mill-kunsillera responsabbli mid-dekasteri u il-membri tal-kumitat li intagħażel minnhom.

L-injections ta' l-influenza ġew mogħtija fuq ġimagħtejn matul Novembru 2019. Għal dan attendew madwar 200 persuna.

**Amministrazzjoni**

*Is-sindku jagħti performance bonus ta' 6% lil ħaddiema kollha u ta' 10% lis-segretarju eżekuttiv. Isiru żewġ audits, wieħed f'Marzu u ieħor f'April, li fihom il-Kunsill mar tajjeb. Il-kunsill jadotta freephone li bih ir-residenti ikunu jistgħu jikkuntatjaw lil kunsill bla ħlas.*

**Affarijiet Oħra**

Sar fthehim ma Continental Cars Limited fejn il-kunsill ġie mogħti żewġ karozzi li qedgħin jintużaw biex bihom jitwasslu l-anzjani u nies fil-bżonn għall-appuntamenti tagħhom. Dan is-servizz intlaqa' tajjeb mir-residenti u qiegħed jintuża ta' kuljum.

Wara laqgħa ma' l-Universita fuq agreement iffirmat mis-sindku preċedenti, ġie magħżul Dr. Andrew Camilleri. Dan ippropona li tinfetaħ Law Clinic fil-Belt Valletta bis-sehem tal-istudenti tal-liġi ta' l-aħħar sena.

Is-sindku Alfred Zammit kellu laqgha maċ-CEO ta' l-Enemalta minħabba in-numru ta' problemi tad-dawl fil-Belt Valletta. Minkejja dan, il-problemi ma tranġawx.

Is-sindku Alfred Zammit kellu numru ta' laqgħat mas-CEO ta' TECH MT u ċ-CEO talo-Bank of Valletta, Deo Scerri biex jiġu installati żoni tal-wifi fiż-żoni residenzjali tal-Belt Valletta.

L-isem “Valletta” ġie irreġistrat mill-kunsill u saret kontra il-liġi li dan jintuża minn entitajiet oħra sakemm mhux bil-permess tal-kunsill.

**Konklużjoni**

Jingħata ringrazzjament lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha li volontarjament offrew is-servizz tagħhom f’kull aspett sabiex seta’ jsir dan ix-xogħol fil-lokalità. Filwaqt li ma jonqosx ukoll ir-ringrazzjament lis-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema kollha tal-Kunsill li jagħmlu l-almu tagħhom kollu sabiex mill-aħjar li jistgħu jwettqu l-*policies* tal-Kunsill.

Nistgħu nikkonkludu li bħas-snin li għaddew il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta wettaq diversi xogħolijiet siewja matul is-sena 2019, fosthom xogħolijiet infrastrutturali, diversi attivitajiet li bihom tiżdied l-għaqda fil-komunita'.